# Tribunal Industrijali

Kaz Numru 1838AD

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

Mark Spiteri

u

Il-partnership en commandite Raesch Quarzglas (Malta) Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hija ingiusta

Data: 7 ta' April 2005

Chairperson: Av. Dr. Audrey Demicoli

## Introduzzjoni

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal mill-appellanti Mark Spiteri permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Kaz prezentata fid-9 ta' Dicembru 2003 fejn sostna li t-tkeccija tieghu mill-impjieg mas-socjeta' intimata ma saritx ghal raguni valida u skond il-ligi. Is-socjeta intimata min-naha l-ohra sostniet li t-tkeccija hija gustifikata u saret ghal ragunijiet ta' dixxiplina. Hija ssostni li l-appellant ma kellu ebda rispett lejn is-superjuri teighu jew ghal shabu l-haddiema l-ohra u tispjega li huwa ta spiss ma kienx jobdi l-ordnijiet taghha Hija tghid li huwa inghata diversi *warnings,* fosthom *final warning* li inghata lilu fil-5 ta' Lulju 2002. It-Tribunal ha konjizzjoni tad-Dikjarazzjonijiet tal-Kaz rispettivi tal-partijiet, zamm ghaxar (10) seduti fejn sema' l-provi prodotti miz-zewg nahat kif ukoll it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri taghhom.

## Fatti tal-Kaz

Fl-4 ta' Settembru 2000 l-appellant gie impjegat bhala *Process Worker* fuq kuntrqatt indefinit. Huwa tkecca minn dan l-impjieg fid-29 ta' Awissu 2003. L-incident li wassal ghat-terminazzjoni

tal-imnpjieg tieghu sehh fit-28 ta' Awissu 2003 fejn l-appellant ma segwiex id-direttivi tas-socjeta' intimate u addotta tahlita tar-ramel li hawwad huwa stess sabiex jimla t-tubi tal-hgieg li kien xogholu li jimla. Xoghol l-appellant kien fil-fatt li jimla tubi tal-hgieg b'tahlita tar-ramel, liema tahlita kienet issir mis-supervisor u kienet tkun f'tank kbir. Il-*process operators* kienu jiehdu minn din it-tahlita u jipprocedu sabiex jimlew it-tubi tal-hgieg. L-appellant isostni li meta huwa dahal ghax-*shift* tas-2.30pm, huwa sab li t-tahlita li kienu hallew tax-*shift* ta' qablu ma setghatx tintuza peress li l-materjali kienu gew imhallta b'mod hazin. L-appellant jghid li huwa kien avza lis-*supervisor* b'dan il-fatt u jghid ukoll li kien sab soluzzjoni ghal din il-problema billi beda jzid materjall biex irattab it-tahlita. Meta wasal ghat-tahlita li kienet fil-qiegh tat-tank din kienet iebsa wisq u ghalhekk il-procedura li kien qed jaddotta prececentement ma hadmitx u b'hekk hargu 150 tubu mimlijin b'tahlita hazina. Is-socjeta' intimata min-naha l-ohra ssostni li l-appellant qabad u utilizza tahlita li ghamel huwa stess minfolk uza t-tahlita li kien mitlub u ordnat jutilizza biex b'hekk hargu hafna prodotti difettuzi u kellu jinhela hafna hin sabiex jigi rimedjat dan l-izball. Mill-provi rrizluta li madwar 50% tax-xoghol li kien gie maghmul mill-appellant kien hazin mentri x-xoghol tal-*machine operator* l-iehor li kien qed jaghmel l-istess xoghol bhall-appellant kien tajjeb.

Is-socjeta' intimata taghmel referenza ghal zewg incidenti separati li nqalghu bejn l-appellant u impjegati ohra fejn l-appellant kien uza vjolenza fil-konfronti taz-zewg impjegati. L-ewwel incident inqala' ma' Ashley Mifsud fejn l-appellant kien ta daqqa ta' sieq lil Mifsud wara li dan tal-ahhar kien hadlu disinn li kellu fuq il-bank tax-xoghol. It-tieni ncident kien jinvolvi lill-appellant u lil Terrence Cuschieri u f'dan il-kaz l-appellant kien waddab tubu tal-hgieg lejn Cuschieri wara li dan tal-ahhar kien imbuttah waqt li kien qed jimbotta *trolley* b'tank fuqu. L-appellant kien qaras subghajh mat-*trolley* f'dan it-tieni ncident. Meta nqala' dan it-tieni ncident l-appellant kien inghata *final warning* (Dok. MB4 essebit mill-Engineer Joseph Gatt fis-seduta tat-12 ta Frar 2004. L-Engineer Gatt, li huwa l-manager tas-socjeta' intimata, jispjega li wara li nqala' dan it-tieni ncident huwa kien iddecieda li jkuecci lill-appellant izda wara li dan tal-ahhar talbu skuza u talbu klemenza fis-sens li qallu li ma setghax jispicca bla xoghol u weghdu li makienx ser ikun involut f'kompportamenti ohra simili, huwa ddecieda li jaghtih

*final warning* u ma jitterminalux l-impjieg. L-Engineer Gatt spjega wkoll li qabel ma l-appellant beda jahdem bhala *machine operator* fid-dipartiment tal-*cloning sand* huwa kien jahdem bhala *cutter* f'dipartiment iehor izda peress li x-xoghol tieghu ma kienx *up to standard* gie deciz it-trasferiment tieghu fid-dipartiment tal-*cloning sand.*

**<u>Konsiderazzjonijiet u Konkluzjonijiet</u>**

Fil-fehma tat-Tribunal l-incident li wassal ghat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant ghandu jitqies separatament miz-zewg incidenti l-ohra li ghamlet riferenza ghalihom is-socjeta' intimata waqt is-smiegh tal-kaz fejn l-appellant kien involut f'litigji ma mpjegati ohra u fejn huwa gie moghti *final warning*. Dan jinghad ghaliex mill-provi rrizulta amojament li fiz-zewg kazijiet l-appellant kien gie provokat mill-impjegati l-ohra sabiex huwa mbaghad irreagixxa b'dak il-moghod. Inoltre rrizulta wkoll li l-appellant kien il-mira ta' hafna cajt u skerzi li kienu jsirulu minn impjegati ohra u li f'hafna cirkostanzi dawn kienu jkunu kapitanati mis-*supervisor* Jonathan Darmanin. Ma hemm xejn hazin li impjegati jiccajtaw flimkien fuq il-post tax-xoghol izda jekk min ikun il-mira ta' dan ic-cajt, kif jirrizulta li l-kien l-appellant fil-kaz odjern, ma junx qed japprezza dan it-tip ta' cajt, is-superjur ghandu jaccerta ruhu li dan ic-cajt ma jkompliex isir. Fil-kaz odjern jirriuzlta li s-superjur dirett tad-dipartiment fejn kien jahdem l-appellant, u cioe' Jonathan Darmanin, kien huwa nnifsu jippartecipa fic-cajt li kien isir fil-konfronti tal-appellant (ara ncident tal-crane).

It-Tribunal jidhirlu li ghal din ir-raguni dawn l-incidenti m'ghandhomx jittiehdu in konsidrerazzjoni fl-evalwazzjoni tad-decizjoni dwar it-terminazzjoni tal-impjieg tala-ppellant. Inoltre jrid jigi rilevat li l-incident li finalment wassal ghat-erminazzjoni tal-impjieg tal-appellant kien jirrigwarda xoghol li allegatament sar hazin u mhux incident ta' vjolenza jew xi glieda li fiha kien involut l-appellant.

In kwantu jirrigwarda l-incident lli wassal ghat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant it-Tribunal jidhirlu li l-istess appellant wera insubbordinazzjoni meta huwa qabad u ddecida li jinjora l-istruzzjonijiet moghtija lilu mis-socjeta' intimata rigwardanti t-tahlita li kellu juza u ddecida unilateralment li juza tahlita li kien prepara huwa stess. Anki kieku wiehed kellu jaccetta l-verzjoni

moghtija mill-appellant in kwantu jirrigwarda dan l-incident xorta wahda l-appellant ma jistghax jinghata ragun. Huwa ma kelu ebda dritt li jaqbad u jiddeciedi li jbidddel it-tahlita preparata mis-*supervisor* u ghalhekk li ma jobdiex l-ordnijiet moghtija lilu mis-superjuri tieghu. L-appellant kellu lobbligu jobdi l-ordnijiet lilu moghtija anki jekk huwa ma kienx jaqbel ma dawn l-ordnijiet ghaliex deherlu li t-tahlita ma kienitx tajba.

It-Tribunal izda jirritjeni li l-mizura mehuda mis-socjeta' intimata fir-rigward tal-appellant f'dan il-kaz kienet estrema wisq. Mill-provi ma rrizultax li huwa precedentement kien inghata xi *warnigs* ghal xoghol hazin jew ghal insubbordinazzjoni u ghalhekk kien ikun aktar opportun li l-appellant jinghata *final warning* milli jitkecca mill-impjieg.

## <u>Decizjoni</u>

Ghar-ragunijiet premessi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li l-impjieg tal-appellant mas-socjeta intimata ma giex terminat ghal raguni gjusta u sufficjenti skond il-ligi. Ic-cirkostanzi tal-kaz ma jimmeritawx li jkun hemm *re-instatement* u ghalhekk it-Tribunal qed jiffissa kumpens fl-ammont ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400.00), liema ammont ghandu jithallas mis-socjeta' intimata lill-appellant sa zmien gimghatejn mill-llum.

Ghall-iskopijiet tal-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijet fl-ammont ta' Lm40.00 kull wiehed.

**Dr. Audrey Demicoli**
**Chairperson**